Nru. 208

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦALL-KONSERVAZZJONI

Artikolu 47 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar iddeċidiet illi l-proprjetà li ġejja, jiġifieri:–

Il-Fortizza San Rokku,
il-Kalkara

(ara l-pjanta f'paġna 2126) hija ta' valur arkitettoniku u storiku.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetà msemmija tinsab fil-periklu li tiġi danneġġata bl-iżvilupp.

L-Awtorità qieghda b'hekk tohroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni għar-rigward ta' dan is-sit imsemmi hawn fuq, skond artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Il-Fortizza San Rokku għandha titqies bhala proprjetà ta' Grad 1, skond il-*Policy* UCO 7 tal-Pjan ta' Struttura minħabba l-valur storiku u arkitettoniku tagħha.

(ii) L-ebda tkissir, ħsara, żvilupp, rdim jew ċaqliq ta' materjal jew tneħħija ta' ġebel ma jista' jsir fl-ebda parti ta' l-imsemmija proprjetà.

(iii) Kull intervent f'din il-proprjetà li jista' jkun permess skond il-provvedimenti msemmija hawn fuq għandhom ikunu approvati minn qabel bil-miktub mill-Awtorità ta' l-Ippjanar. Ix-xogħlijiet kollha jridu jkunu skond *method statement* li għandu jinkludi *survey* arkitettoniku tal-proprjetà ppreparat minn min se jiżviluppa s-sit għas-sodisfazzjon ta' u approvat mill-Awtorità ta' l-Ippjanar.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien sitt xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk is-sit jiġi danneġġat jew distrutt bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

No. 208

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Section 47 of the Development Planning Act, 1992

THE Planning Authority believes that the following property, namely:–

Fort San Rokku,
Kalkara

(see site plan on page 2126) could be of architectural and historical value.

The Authority also believes that the property is in danger of being damaged by development.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with section 47 of the Development Planning Act.


(i) Fort San Rokku is to be considered as a Grade 1 sheduled property as per Structure Plan Policy UCO 7 by virtue of its architectural and historic value.

(ii) The destruction, infliction of damage, development, dumping or movement of earth, or removal of stones within the property of the said buildings is prohibited.

(iii) Any interventions on the property, which might be permissible according to the above must be approved in advance in writing by the Planning Authority. All works must be according to a method statement which includes an architectural survey of the property prepared by the developer to the satisfaction of and approved by the Planning Authority.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this Order.

If the site is damaged, altered or destroyed in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.



PLANNING AUTHORITY

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords.of Map:- Min E57933, N71870 Max E587781, N728001

St. Francis Ravelin
Floriana

PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846

Title :-

Emergency Conservation Order:

Fort San Rokku

Ref No. :- **PA 160/97 ECF 285/97**

Form No. :- MU003